

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11134/23

ECOFIN 660
UEM 194
SOC 486
EMPL 337
COMPET 681
ENV 760
EDUC 273
RECH 305
ENER 396
JAI 906
GENDER 137
ANTIDISCRIM 131
JEUN 175
SAN 412

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9826/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 605 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Ġermanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 605 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-

Kunsill

dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Ġermanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2023 tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-28 ta' April 2021, il-Ġermanja ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Ġermanja tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.
- (10) Il-Ġermanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 fl-24 ta' April 2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023 fis-26 ta' April 2023, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Ġermanja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

⁶ ST 10158/2021 INIT; ST 10158/2021 ADD 1.

- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Ġermanja. Huwa vvaluta l-progress tal-Ġermanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Ġermanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Ġermanja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ġermanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, is-surplus kbir persistenti fil-kont kurrenti, li jirrifletti wkoll investiment imrażżan meta mqabbel mat-tfaddil, li għandu rilevanza transfruntiera, tnaqqas gradwalment, l-aktar reċentement matul il-kriżi tal-enerġija, iżda huwa mistenni li jżdied b'mod sinifikanti. Is-surplus fil-kont kurrenti naqas bil-mod sal-2019 bi proporzjon tal-investiment domestiku li qed jżdied bil-mod u bilanċ kummerċjali li qed jonqos u minn dak iż-żmien kien ikkaratterizzat minn ċirkostanzi ekonomiċi mhux tas-soltu. Dan naqas b'mod sinifikanti fl-2022 minħabba prezzijiet oġhla ta' importazzjoni tal-enerġija, flimkien ma' tnaqqis fis-surplus kummerċjali mhux tal-enerġija u rkupru fl-importazzjonijiet tat-turiżmu. Fl-2022, is-surplus baqa' oġhla mil-livelli ssuġġeriti mill-elementi fundamentali tal-pajjiż u huwa mistenni li jirpilja b'mod sinifikanti fl-2023 u jibqa' kważi l-istess fl-2024. Huwa pprojetat li jibqa' taħt il-limitu għall-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku. Il-pagi huma mbassra li jikbru b'mod qawwi, filwaqt li jappoġġaw id-domanda domestika, filwaqt li l-kostijiet ta' unità lavorattiva jistgħu jikbru b'rata aktar mgħaġġla milli fil-bqija taż-żona tal-euro. Madankollu, il-konsum u l-investiment huma temporanjament imnaqqsa minħabba inflazzjoni għolja. F'dawn l-aħħar snin, il-prezzijiet tad-djar urew żidiet qawwija, anke jekk naqsu xi ftit minn nofs l-2022. Il-provvista tad-djar ma tistax tlaħħaq mad-domanda fost investiment residenzjali dgħajjed, li jista' jwassal għal riskji kontinwi ta' sopravvalutazzjoni. Tnaqqis ulterjuri tal-vulnerabbiltajiet jibbenefika mill-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-inizjattivi ta' investiment pubbliku u t-tneħħija tal-ostakli għall-investiment.

- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Ġermanja naqas minn 3.7 % tal-PDG fl-2021 għal 2.6 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 69.3 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 66.3 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Ġermanja, peress li d-defiċit tagħha huwa ppjanat li jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2023. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tippromponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Il-Ġermanja jenħtieġ li tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-abbozz tal-pjan baġitarju għall-2024.
- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu tnaqqis tat-taxxa tal-enerġija fuq il-fjuwils u tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-gass u t-tiġin distrettwali, filwaqt li tali miżuri ta' politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu bonus ta' somma f'daqqa tal-enerġija u l-akkwiżizzjoni tal-kont ta' Diċembru għall-konsumaturi privati tal-gass. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri hija ta' 1.2 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.8 % tal-PDG fl-2022, minn 4.2 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Ġermanja⁷ żżomm pożizzjoni fiskali ta' sostenn, inkluż mill-ispinta pprovduta mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investment ifffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Ġermanja (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 18).

(16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet ta' appoġġ, fil-livell ta' -2.7 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Ġermanja kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-ġhotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.2 % tal-PDG fl-2022 (0.3 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprovdha kontribut newtrali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Għalhekk, il-Ġermanja ppreservat l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovdha kontribuzzjoni espansjonarja ta' 2.4 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 1.2 % tal-PDG), kif ukoll il-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0.1 % tal-PDG). Fl-istess ħin, it-tnaqqis fit-taxxa fit-tassazzjoni fuq l-introjtu naqqas id-dħul tal-gvern u kkontribwixxa wkoll (0.1 % tal-PDG) għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja netta. Il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali kienet dovuta biss parzjalment għall-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll il-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna. Għalhekk, il-Ġermanja ma żammitx biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (ġhotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali pprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.4 punti perċentwali tal-PDG. Din il-kontribuzzjoni hija prinċipalment relatata man-nazzjonalizzazzjoni u r-rikapitalizzazzjoni tal-fornituri tal-gass bl-ingrossa fil-Ġermanja għall-garanzija tas-sigurtà tal-enerġija.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0.2 % fl-2023 u b'1.8 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali simili ta' 0.2 % fl-2023 u 1.4 % fl-2024.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jiżdied għal 4¼ % tal-PDG fl-2023. Iż-żieda fl-2023 tirrifletti prinċipalment in-nefqa addizzjonali għall-brejkijiet tal-prezzijiet tal-enerġija fir-rigward tal-gass u l-elettriku. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 66.3 % fi tmiem l-2022 għal 67¾ % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 2.3 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit imbassar fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba li wieħed jassumi nefqa aktar baxxa għall-brejkijiet tal-prezzijiet tal-enerġija. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 65.2 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal defiċit aktar baxx.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri ġodda meta mqabbla mal-2022, b'mod partikolari l-brejkijiet tal-prezz tal-enerġija għall-gass u l-elettriku. Il-kost ta' dawk il-miżuri hija parzjalment ikkumpensata minn taxxi fuq profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija, jiġifieri imposta fuq profitti straordinarji. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa proġettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 2.0 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-iżjed unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli, għalkemm ħafna minnhom jippreservaw is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.5 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.3 % tal-PDG fl-2022). Il-kost baġitarju tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna hija pproġettata li tibqa' stabbli meta mqabbel mal-2022. Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 0.8 % tal-PDG.

¹⁰ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Ġermanja, (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 35).

- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ġermanja tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹², filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Ġermanja tkun lesta taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Ġie rakkomandat lill-Ġermanja wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.
- (21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+0.5 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-2.7 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.3 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi ż-żieda fil-kost tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.2 % tal-PDG. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojetat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetata li tammonta għal 0.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa projettat li jipprovdi kontribuzzjoni newtrali għall-pożizzjoni fiskali¹³. Għalhekk, il-Ġermanja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u hija ipprojetata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħar-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini, it-titjib ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi u t-tagħmir tal-iskejjel għall-era diġitali, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹² Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Ġermanja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 7.1 % f'termini nominali.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata flivell nazzjonali hija pprojetata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.3 punti perċentwali tal-PDG. Din il-kontribuzzjoni hija prinċipalment relatata mal-waqfien tal-miżura biex il-fornituri tal-gass bl-ingrossa fil-Ġermanja jiġu nazzjonalizzati u rikapitalizzati għall-garanzija tas-sigurtà tal-enerġija tas-sena ta' qabel.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 1¼ % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-brejkijiet tal-prezzijiet tal-enerġija. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 66½ % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.2 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit imbassar fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba stimi aktar baxxi għall-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 64.1 % fi tmiem l-2024, prinċipalment minħabba defiċit aktar baxx.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi l-kost nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija għal 0.3 % tal-PDG fl-2024. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Ħafna minnhom jippreservaw is-sinjal tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁴. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁵ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-2.5 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 2.0 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata għall-2024.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber bi 2.4 % fl-2024, li huwa taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament previst fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, li huwa dovut għal xi wħud minn dawn il-miżuri li baqgħu fis-seħħ fl-2024 u għal miżuri diskrezzjonali li jnaqqsu d-dħul bħal diversi tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjt.
- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, l-investiment tal-gvern huwa mistenni li jibqa' stabbli għal 2½ % tal-PDG fl-2023 u fl-2024. Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawn jinkludu diversi riformi tas-sistema tat-taxxa fuq l-introjt kif ukoll tas-sistema tal-pensjonijiet.

¹⁴ L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax kif ukoll l-infiq ċikliku fuq il-qgħad.

- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal $\frac{3}{4}$ % tal-PDG fl-2025 u fl-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jonqos għal taħt 3 % tal-PDG fl-2024. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn $66\frac{1}{2}$ % fi tmiem l-2024 għal $65\frac{1}{2}$ % sa tmiem l-2026.
- (28) Filwaqt li l-prestazzjoni tal-impjiegi tibqa' robusta, f'kuntast ta' popolazzjoni li qed tixjieħ malajr, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huwa mistenni li jkompli jiżdied. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol hija mistennija li tonqos bi 3,7 miljun fis-snin 2020 minħabba l-irtirar tal-ġenerazzjoni tal-baby boomers. Dan ser iżid b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet ta' finanzjament tas-sistema obligatorja Ħallas-Waqt-Li-Tkun-Għaddej (l-ewwel pilastru tal-pensjonijiet), u possibbilment jisfida l-adeqgatezza tal-pensjonijiet. Ikun meħtieġ bilanċ nett ta' migrazzjoni ta' madwar 400 000 persuna fis-sena biex jiġi kkompensat livell dejjem jonqos ta' forza tax-xogħol potenzjali. L-età statutorja tal-irtirar ser tiżdied gradwalment għal 67 sena fl-2031. Għalkemm ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema ta' bejn il-55 u l-64 sena hija fost l-ogħla fl-Unjoni, iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar naqset f'dawn l-aħħar snin, u l-impjiegi fil-grupp ta' età ta' aktar minn 65 sena għadhom lura meta mqabbla ma' dawk bl-aqwa prestazzjoni tal-Unjoni. Dan huwa wkoll minħabba għażliet ta' rtirar bikri, li jżidu aktar pressjoni fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-persuni li jkunu ħadmu mill-inqas 35 sena jistgħu jirtiraw kmieni, bi tnaqqis relattivament żgħir fil-benefiċċji tal-pensjoni. Dawk li ħadmu mill-inqas 45 sena ta' xogħol jistgħu jirtiraw mingħajr ma jitilfu l-intitolamenti tal-pensjoni (*Rente nach 45 Beitragsjahren*). L-iskemi tal-pensjonijiet privati sussidjati mill-Istat (l-iskemi tal-pensjoni personali tat-tielet pilastru – *Riester Rente*) sa issa ma ntużawx biżżejjed. Minkejja l-isforzi biex jiżdied l-użu tal-pensjonijiet tax-xogħol (it-tieni pilastru), il-kopertura għadha madwar 56 %.

- (29) It-taħlita tat-taxxa fil-Ġermanja għadha tiddependi ħafna fuq id-dħul mit-taxxa fuq ix-xogħol, filwaqt li l-bażijiet tat-taxxa li jistgħu jappoġġaw it-tkabbir inklużiv u sostenibbli jibqgħu ma jintużawx biżżejjed. Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol huwa wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u l-interazzjoni tas-sistema tat-taxxa u tat-trasferiment tirriżulta f'inċentivi dgħajfa biex jiġu estiżi s-siġhat maħduma għall-ħaddiema b'paga baxxa u dawk b'tieni sors ta' dħul, spiss in-nisa. Dan huwa ta' piż fuq il-provvista ta' ħaddiema u jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema. Is-sehem tal-Ġermanja tat-taxxi ambjentali huwa taħt il-medja tal-Unjoni, kemm għat-tassazzjoni fuq l-enerġija kif ukoll għat-trasport. It-tassazzjoni fuq il-vetturi ma tteġġiġx trasport li jirrispetta aktar l-ambjent. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent bħas-sussidji għall-fjuwils fossili (inklużi l-eżenzjonijiet mit-taxxa u t-tnaqqis tat-taxxa) għadhom sostanzjali, u dan ixekkel it-tranżizzjoni ekoloġika.

(30) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Li nipproċedu b'mod rapidu bl-implimentazzjoni tal-pjan huwa essenzjali minħabba n-natura temporanja tal-Faċilità fis-seħħ sal-2026. Madankollu, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja tinsab għaddejja, hemm dewmien sinifikanti. Riżorsi limitati marbuta mal-implimentazzjoni tal-pjan u prijoritizzazzjoni insuffiċjenti wasslu biex il-Ġermanja taqa' lura fil-proċess ta' implimentazzjoni. Il-Ġermanja għad trid tiffirma l-arranġamenti operazzjonali tagħha u tippreżenta l-ewwel talba tagħha għal pagament. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja kien diġà ġie rivedut darba fl-14 ta' Frar 2023, u aġġusta żewġ miżuri ta' investiment li ma setgħux jitlestew kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi¹⁶. Il-pjan huwa mistenni li jerġa' jiġi rivedut fl-2023 b'addendum ieħor, biex ikopri l-kapitolu REPowerEU u biex jakkomoda ż-żieda ta' appoġġ mhux ripagabbli. Madankollu, in-negożjati dwar il-kapitolu REPowerEU u biex tiġi akkomodata ż-żieda fl-appoġġ mhux ripagabbli għadhom għaddejjin. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti l-finanzjament ta' riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Ġermanja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involvement sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

¹⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja (ST 5536/2023).

- (31) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Ġermanja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fil-Ġermanja.
- (32) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Ġermanja qed taffaċċja għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mad-diġitalizzazzjoni, il-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (33) Filwaqt li l-Ġermanja għamlet sforzi biex ittejjeb id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, l-implimentazzjoni għadha kajmana. Kienu biss ftit mill-oġettivi fl-Att dwar l-Aċċess Online, li jagħmel id-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-parti ta' quddiem tas-servizzi amministrattivi kollha obligatorja, li nkisbu sad-data fil-mira (tmim l-2022). Il-Parametru Referenzjarju tal-Gvern elettroniku tal-Kummissjoni juri li l-pajjiż għandu prestazzjoni baxxa wkoll fid-diġitalizzazzjoni tal-back office, li huwa kruċjali għat-twassil effettiv tas-servizzi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Online. B'rabta ma' dan, l-immodernizzar tar-reġistri bħala parti mill-Att dwar il-Modernizzazzjoni tar-Reġistru biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' "darba biss" tal-Unjoni – fejn l-individwi u n-negozji jridu jipprovdu informazzjoni standard darba biss lill-awtoritajiet – ġie ddikjarat bħala prijorità. Madankollu, ftit li xejn sar progress minn meta l-liġi daħlet fis-seħħ fl-2021. Barra minn hekk, hemm użu baxx ta' servizzi li ġew diġitalizzati: Il-Ġermanja għandha punteġġ taħt il-medja tal-Unjoni f'termini tal-proporzjon ta' persuni li jużaw is-servizzi elettroniċi tal-gvern. Il-Ġermanja għandha prestazzjoni wkoll taħt il-medja tal-Unjoni f'diversi aspetti tal-indikaturi tal-Parametri Referenzjarju tal-Gvern elettroniku, bħat-trasparenza, l-eżistenza ta' faċilitaturi ewlenin u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini minn barra l-pajjiż. Il-Kunsill Nazzjonali għall-Kontroll Regulatorju jqis l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Online bħala inadegwata u identifika n-nuqqas ta' ħaddiema projettati bħala riskju ewlieni fin-nuqqas ta' titjib fl-effiċjenza permezz tad-diġitalizzazzjoni. L-ostakli identifikati fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi japplikaw bl-istess mod għall-miżuri korrispondenti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja.

(34) It-titjib tal-ħiliet diġitali huwa kruċjali għat-tranżizzjoni diġitali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-sengħa u tiżdied il-produttività. B'49 % fl-2021, il-Ġermanja hija taħt il-medja tal-Unjoni ta' 54 % tal-individwi ta' bejn is-16 u l-74 sena li b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jfixkel it-tranżizzjoni diġitali. Fost dawk kollha ta' bejn is-16 u d-19-il sena, 50 % biss kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2021, 19 punti perċentwali taħt il-medja tal-Unjoni. Għalkemm il-Ġermanja għandha punteġġi ogħla mill-medja tal-Unjoni fuq il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fl-impjiegi u taqbel mal-medja tal-Unjoni għall-ispeċjalisti nisa fl-ICT, hemm għadd kbir ta' postijiet battala li jirriflettu ħtiġijiet ulterjuri. Sforzi ulterjuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' għalliema u biex l-għalliema jitħarrġu aħjar fid-diġitalizzazzjoni fil-livelli edukattivi kollha jkunu kruċjali għat-titjib tal-ħiliet diġitali. L-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fl-attivitajiet tan-negozju hija biss madwar il-medja tal-Unjoni, inkluż is-sehem ta' negozji żgħar u ta' daqs medju b'mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali u l-adozzjoni min-negozji ta' teknoloġiji avvanzati bħall-cloud, il-big data u l-intelliġenza artifiċjali. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja jinkludi diversi miżuri li jappoġġaw il-ħiliet diġitali, u b'mod partikolari l-edukazzjoni diġitali, bħall-investment f'apparat diġitali għall-għalliema, pjattaforma edukattiva u ċentri edukattivi ta' eċċellenza. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed timplimenta miżuri biex tgħin fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol tagħha. Dan jinkludi l-iffukar fuq id-diġitalizzazzjoni tan-negozji (eż. Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej jew l-iskema ta' appoġġ għall-investment ta' Preżent Diġitali (*Digital Jetzt*)).

- (35) B'mod ġenerali, 19.3 % biss tal-unitajiet domestiċi għandhom aċċess għal konnessjoni broadband tal-fibra, u dan ipoġġi lill-Ġermanja fost l-Istati Membri bl-aktar kopertura tal-fibra baxxa (it-tieni l-aktar baxxa fl-Unjoni, bl-ogħla ħames atturi tal-Unjoni li għandhom kopertura tal-fibra ta' mill-inqas 85 %). In-nuqqas ta' konnessjonijiet tal-fibra ottika u networks b'kapaċità għolja hawn b'mod ġenerali huwa partikolarment evidenti fiż-żoni rurali. Dan iżomm lura t-tkabbir tal-produttività, speċjalment minn negozji żgħar u ta' daqs medju. Il-mira li 50 % tal-unitajiet domestiċi u n-negozji jiġu konnessi man-network permezz tal-fibra ottika sal-2025 (u 100 % sal-2030) tista' ma tintlaħaqx fil-ħin. Miżuri korrispondenti ġew inklużi fl-Istrateġija Gigabit ta' Lulju 2022. It-titjib tal-kundizzjonijiet qafas, pereżempju billi tiżdied il-kapaċità tal-ippjanar u l-implimentazzjoni fis-settur pubbliku, huwa kruċjali biex tiġi aċċellerata l-kopertura tal-fibra. L-ilħuq tal-miri tan-network ser jirrikjedi wkoll titjib fil-proċeduri amministrattivi involuti fl-applikazzjoni għal u l-għoti ta' permessi u l-istandardizzazzjoni ta' metodi ta' installazzjoni alternattivi li jieħdu inqas ħin.
- (36) Il-Ġermanja rnexxielha tnaqqas id-dipendenza għolja tagħha fuq il-gass u ż-żejt Russi b'mod effettiv fl-2022 meta mqabbla mal-2021 (minn 65 % għal kważi zero għall-gass u minn 34.12 % għal inqas minn 25 % għaż-żejt¹⁷). Hija ppjanat u bdiet timplimenta l-infrastruttura tal-gass naturali li tissostitwixxi kompletament l-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja fuq terminu medju. Il-Ġermanja ssodisfat l-obbligi tagħha għall-ħżin tal-gass fix-xitwa li għaddiet, u laħqet id-99.2 % sal-1 ta' Novembru 2022. Bis-saħħa tas-swieq tal-gass interkonnessi, il-gass naturali likwifikat (liquefied natural gas, LNG) importat mill-Ġermanja jkun jista' jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, dment li l-infrastruttura rilevanti tiġi implimentata mingħajr aktar dewmien. Fl-istess ħin, il-pajjiż għadu dipendenti fuq il-fjuwils fossili importati. Il-konsum tal-gass naturali tal-Ġermanja żdied b'16 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁸. Il-Ġermanja hija mħeġġa tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹⁹.

¹⁷ Il-Ġermanja ma importat l-ebda gass Russu minn Awwissu 2022 u ż-żejt minn Frar 2023.

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

¹⁹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

(37) L-elettriku rinnovabbli huwa vitali għall-introduzzjoni b'suċċess tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-Ġermanja, inkluż għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, il-vetturi elettriċi u l-pompi tas-sħana, kif ukoll għall-kisba tas-sigurtà tal-enerġija fuq terminu medju. Madankollu, tkun meħtieġa aċċellerazzjoni bi tliet darbiet fl-użu tal-enerġija rinnovabbli (minn +67 % matul l-aħħar tmien snin għal +196 % fit-tmien snin li ġejjin) biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-użu. Proċeduri kumplessi u twal għall-għoti ta' permessi qed iżommu lura l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji addizzjonali ta' emissjonijiet netti żero, filwaqt li leġislazzjoni adottata reċentement biex ittejjeb il-proċessi għad trid tiġi implimentata. Lil hinn mill-isfidi indirizzati, l-għoti ta' permessi huwa mxekkel min-nuqqas ta' diġitalizzazzjoni u ħiliet relatati kif ukoll minn awtoritajiet b'nuqqas ta' persunal, inklużi l-qrati. Għad hemm ostakli fir-rigward tal-flessibbiltà tal-grilja, inkluż il-ħżin, u l-espansjoni tal-grilji ta' trażmissjoni b'vultaġġ għoli, inkluż l-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Interess Komuni. Barra minn hekk, il-grilji ta' distribuzzjoni tal-Ġermanja ma ġewx diġitalizzati u aġġornati biżżejjed biex jakkomodaw lill-ħafna manifatturi u konsumaturi ġodda ta' vetturi elettriċi, sistemi fotovoltajċi solari u pompi tas-sħana, filwaqt li l-ħżin tal-elettriku jista' jiġi estiż. L-isforzi fl-effiċjenza enerġetika, inkluż fit-trasport, fit-tisħin domestiku u fl-industrija, u l-introduzzjoni tal-pompi tas-sħana b'mod affordabbli jiffaċċjaw sfidi f'termini tal-espansjoni u l-implimentazzjoni f'waqtha biex il-Ġermanja tkun tista' tilħaq il-miri tagħha dwar il-klima u l-enerġija, tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili u tagħti spinta lill-kompetittività u lill-ħolqien tal-impjiegi, inkluż fis-settur tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa. L-ilħuq tal-miri klimatiċi jirrikjedi azzjoni ulterjuri għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tat-trasport u tal-bini, li naqsu milli jilhqqu l-miri nazzjonali tal-emissjonijiet speċifiċi għas-settur għall-2022, minkejja l-introduzzjoni ta' miżuri bħall-prezz nazzjonali tal-karbonju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet f'dawk iż-żewġ setturi. Il-bir tal-karbonju naturali fil-Ġermanja naqas mill-2016, għalhekk hija meħtieġa azzjoni dwar ir-restawr tal-foresti u tat-torbiera. Sforzi aktar b'saħħithom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari, u l-protezzjoni ambjentali jnaqqsu r-riskji mill-isfidi globali u jikkontribwixxu għar-reżiljenza għall-klima, jiżguraw ir-riżorsi naturali u jnaqqsu d-dipendenza tal-industrija fuq il-materja prima kritika.

- (38) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. It-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni ta' gruppi żvantaġġati jipprovdi bażi aħjar għal edukazzjoni kontinwa. It-tagħlim għall-adulti huwa essenzjali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet. Madankollu, fl-aħħar 10 snin ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar erba' ġimgħat kienet bejn wieħed u ieħor stabbli u taħt il-medja tal-Unjoni (8.1 % fl-2022; medja tal-Unjoni ta' 11.9 %), u kienet biss ta' 4 % għall-ħaddiema bi kwalifiki baxxi. Barra minn hekk, fl-industriji intensivi fl-enerġija, il-partiċipazzjoni tal-ħaddiema fl-edukazzjoni u t-taħriġ naqset minn 9.8 % fl-2015 għal 7.6 % fl-2021 u hija taħt il-medja tal-Unjoni (8.9 %). Il-promozzjoni tal-partiċipazzjoni fi programmi ta' edukazzjoni u tagħlim vokazzjonali inizjali u kontinwi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tkun konformi mal-mira tal-Ġermanja li jkollha 65 % tal-adulti fl-apprendiment kull sena sal-2030.
- (39) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni²⁰ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

²⁰ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (40) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għall-Ġermanja, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u tielet rakkomandazzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro.
- (41) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà 2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mas-surplus kbir persistenti fil-kont kurrenti. Ir-rakkomandazzjonijiet (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1) f'dak li għandu x'jaqsam ma' investiment ogħla. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jikkontribwixxu kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rakkomandazzjonijiet tal-2023 dwar iż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 40,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tiegħu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 2.5 %²¹.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Timplimenta inizjattivi ta' investment pubbliku kif ippjanat.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Ittejjeb it-taħlita tat-taxxa sabiex tikseb tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli, b'mod partikolari billi ttejjeb l-inċentivi tat-taxxa sabiex iżżid is-siġħat maħduma. Itejjeb is-sostenibbiltà fuq terminu twil tas-sistema tal-pensjoni.

2. Taċċellera b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-pjan rivedut tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż billi tiżgura riżorsi suffiċjenti, u tiffinalizza malajr l-addendum u l-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda malajr l-implimentazzjoni tiegħu. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

²¹ Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

3. Tħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-katina kollha tas-servizzi għas-servizzi pubbliċi u ttejjeb il-ħiliet diġitali tan-nies. Tneħħi l-ostakli għall-investment u trawwem l-investment f'networks ta' komunikazzjoni diġitali b'kapaċità għolja ħafna.
4. Iżżid l-isforzi biex tkompli tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi tagħti spinta lill-investment fin-networks tal-enerġija rinnovabbli u tal-elettriku u taċċellera l-użu tagħhom permezz ta' kapaċità amministrattiva mtejba u proċessi simplifikati, inklużi proċeduri għall-għoti ta' permessi. Iżżid l-isforzi tal-effiċjenza enerġetika fit-trasport, fil-bini u fl-industrija, inkluż permezz ta' investimenti fis-sistemi tat-tiżnin, u miżuri ta' politika ulterjuri mmirati lejn il-forniment u l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
